

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Frar 2009 – Micro Shaping vs UASI (>packaging)**  
**(Kawża T-64/09)**  
 (2009/C 102/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Micro Shaping Ltd (Worthing, ir-Renju Unit) (rappreżentant: A. Franke, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rigorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-11 ta' Diċembru 2008 – Każ R 1063/2008-1 – dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 006354311 ">packaging";
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva ">packaging" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 17 u 42 (Applikazzjoni Nru 6 354 311)

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni għar-reġistrazzjoni parzjalment irrifidjuta

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 40/94<sup>(1)</sup>, peress li t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għandha l-karatru distintiv neċċessarju u ma jeżisti l-ebda rekwiżit ta' disponibbiltà, kif ukoll tad-dritt għal smiġħ skont l-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Frar 2009 minn Enzo Reali mis-sentenza mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2008 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-136/06, Reali vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-65/09 P)**

(2009/C 102/37)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

*Appellant:* Enzo Reali (Firenze, l-Italja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza appellata u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Awtorità tal-Ħatra;

- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan l-appell, l-appellant qed jitlob l-annullament tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-11 ta' Diċembru 2008 fil-Kawża F-136/06<sup>(1)</sup>, li ċaħdet ir-rikors li permezz tiegħu l-appellant talab l-annullament tad-deċiżjoni tal-awtorità responsabili għall-konklużjoni tal-kuntratti li kklasifikatu fi grad u fi skala fid-data tad-dħul tiegħu fis-servizz tal-Kummissjoni bħala membru tal-persuna bil-kuntratt.

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka erba' aggravji.

Fl-ewwel lok, huwa jsostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wettaq żball ta' liġi meta ddeċieda li l-eċċezzjoni ta' illegalità ta' ċerti dispożizzjonijiet mid-Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implemantazzjoni, imqajma fir-rikors fl-ewwel istanza, kienet inammissibbi peress li ma kienx qajjem dan l-istess motiv fl-ilment tiegħu fil-kuntest tal-proċedura prekontenzuża. L-appellant isostni li l-kwistjoni ta' inkompetenza tal-Kummissjoni li għaliha tirreferi l-eċċezzjoni ta' illegalità tiegħu kien imissha tqajmet ex officio mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Sussidjarjament, l-appellant isostni li, anki li kieku t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma kienx marbut jistħarrēg ex officio din il-kwistjoni, dan il-motiv kellu jittqies bħala ammissibbi sa fejn il-legalità tal-kriterju speċifiku tal-klassifikazzjoni tiegħu kienet digħi għix ikk-kontestata fl-ilment oriġinali.